II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2018/1308

tat-28 ta' Settembru 2018

li jemenda r-Regolament (UE) 2018/120 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-ispnotta Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/120 ([1]) jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut għall-2018, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għall-bastimenti tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni.

(2) Il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) ressaq parir rivedut għall-ispnotta Ewropea (*Dicentrarchus labrax*) fid-diviżjonijiet 4b–c, 7a, u 7d–h tal-ICES (iċ-Ċentru u n-Nofsinhar tal-Baħar tat-Tramuntana, il-Baħar Irlandiż, il-Kanal Ingliż, il-Kanal ta' Bristol, u l-Baħar Ċeltiku) għall-2018. Skont dak il-parir, sabiex ikun hemm konformità mar-rendiment massimu sostenibbli, fl-2018 jenħtieġ li t-tneħħija tas-sajd kummerċjali u ta' dak rikreattiv totali ma tkunx taqbeż it-880 tunnellata. Permezz tas-sett ta' miżuri biex jiġi żgurat l-irkupru tal-istokk, il-bijomassa hi mistennija li tiżdied fl-2018. Skont dak il-parir, l-ICES indika wkoll mortalità mis-sajd iżjed baxxa mis-sajd rikreattiv. Barra minn hekk, l-ICES bassar rata ta' sopravvivenza ogħla mill-prattika ta' qbid u rilaxx (rata ta' mortalità ta' 5 % minn dik il-prattika meta mqabbel mal-15 % mbassra qabel. Għalhekk, huwa xieraq li l-limitu ta' ħuta waħda għal kull sajjied jista' jinżamm fis-sajd rikreattiv li jsir bejn Ottubru u Diċembru 2018. Jenħtieġ li dan japplika wkoll għad-diviżjoni 6a tal-ICES.

(3) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2018/120 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2018/120, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Fis-sajd rikreattiv, inkluż minn max-xatt:

(a) mill-1 ta' Jannar 2018 sat-30 ta' Settembru 2018, fid-diviżjonijiet 4b, 4c, 7a sa 7k tal-ICES, għandu jkun permess biss is-sajd ta' qbid u rilaxx għall-ispnotta Ewropea. Matul dak il-perjodu, għandu jkun ipprojbit li tinżamm abbord, tiġi rilokata, trażbordata jew tinħatt l-art l-ispnotta Ewropea li tinqabad f'dik iż-żona;

(b) mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 2018, fid-diviżjonijiet 4b, 4c, 6a, 7a sa 7k tal-ICES, kull sajjied jista' jżomm massimu ta' eżemplar wieħed ta' spnotta Ewropea kuljum.".

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/120 tat-23 ta' Jannar 2018 li jistabbilixxi għall-2018 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/127 (ĠU L 27, 31.1.2018, p. 1).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

M. SCHRAMBÖCK